31978L0316

28.3.1978 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 81/3

# ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

## tal-21 ta' Diċembru 1977

## Dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-muntaġġi nterni ta' vetturi bil-mutur (identifikazzjoni tal-kontrolli, *tell-tales* u indikaturi)

(78/316/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [2],

Billi l-ħtiġiet tekniċi li vetturi bil-mutur għandhom jissodisfaw skond il-liġijiet nazzjonali jirrelataw *inter alia* għall-identifikazzjoni tal-kontrolli, it-*tell-tales* u l-indikaturi;

Billi dawn il-ħtiġiet ivarjaw minn Stat Membru għall-ieħor; billi hu għalhekk neċessarju li l-Istati Membri kollha jadottaw l-istess ħtiġiet jew b'żieda ma' jew minflok ir-regoli eżistenti tagħhom, sabiex, b'mod partikolari, jippermettu l-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE li kienet is-suġġett tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom [3], kif emendata bid-Direttiva 78/315/KEE [4];

Billi hu rakkomandat li jiġu abbozzati l-ħtiġiet tekniċi sabiex ikollhom l-istess mira bħal-ħidma li qed titwettaq dwar is-suġġett fil-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-NU u bħal ċerti ħtiġiet tekniċi adottati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO)

Billi l-approssimazzjoni tal-liġijiet nazzjonali li jirrelataw għal vetturi bil-mutur tinvolvi r-rikonoxximent reċiproku minn Stati Membri tal-kontrolli mwettqa minn kull wieħed minnhom abbażi tal-ħtiġiet komuni,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, "vettura" tfisser kwalunkwe vettura bil-mutur maħsuba għall-użu fit-triq, li jkollha mill-inqas erba' roti u veloċità massima ddisinjata li taqbeż il-25km/siegħa, bl-eċċezzjoni ta' vetturi li jimxu fuq il-linji, tratturi u makkinarju għall-agrikoltura u vetturi tax-xogħolijiet pubbliċi.

*Artikolu 2*

Ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta li jagħti approvazzjoni tat-tip tal-KEE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' vettura għal raġunijiet li jirrelataw ma' l-identifikazzjoni tal-kontrolli, it-*tell-tales* u l-indikaturi, jekk dawn jissodisfaw il-ħtiġiet stabbiliti fl-Annessi I sa IV.

*Artikolu 3*

Ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta jew jipprojbixxi l-bejgħ, ir-reġistrazzjoni, id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' kwalunkwe vettura għal raġunijiet li jirrelataw ma' l-identifikazzjoni tal-kontrolli, *i*it-*tell-tales* u l-indikaturi, jekk dawn jissodsifaw il-ħtiġiet stabbiliti fl-Annessi I sa IV.

*Artikolu 4*

Kwalunkwe emenda neċessarja sabiex jiġu adattati l-ħtiġiet ta' l-Annessi I sa V għall-progress tekniku għandha tiġi adottata skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 70/156/KEE.

*Artikolu 5*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien 18-il xahar min-notifika tagħha u għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

[1] ĠU N C 118, 16. 5. 1977, P. 33.
[2] ĠU N C 114, 11. 5. 1977, P. 10.
[3] ĠU N L 42, 23. 2. 1970, P. 1.
[4] Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

2. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva jkun kkomunikat lill-Kummissjoni.

*Artikolu 6*

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, il-21 ta' Diċembru 1977.

*Għall*-Kunsill

*Il-President*

J. CHABERT

LISTA TA' L-ANNESSI


| | |
|---|---|
| ANNESS I: | Kamp ta' l-applikazzjoni, definizzjonijiet, applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE, approvazzjoni tat-tip tal-KEE, speċifikazzjonijiet (*) |
| ANNESS II: | Il-Kontrolli, it-*tell-tales* u l-indikaturi li għalihom, meta armati, l-identifikazzjoni hija obbligatorja, u s-simboli li għandhom jintużaw għal dak l-iskop (*) |
| ANNESS III: | Il-Kontrolli, it-tell-tales u l-indikaturi li għalihom, meta armati, l-identifikazzjoni hija fakultattiva obbligatorja, u s-simboli li għandhom jintużaw jekk għandhom jiġu identifikati (*) |
| ANNESS IV: | Il-Kostruzzjoni tal-mudell bażiku għas-simboli murija fl-Annessi II u III (*) |
| ANNESS V: | Anness għaċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' vettura fir-rigward ta' l-identifikazzjoni tal-kontrolli, it-*tell-tales* u l-indikaturi |


(*) Il-ħtiġiet tekniċi ta' dan l-Anness huma simili għal dawk ta' l-abbozz tar-Regolament rilevanti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa; tan-NU is-suddivižjonijiet ħekk ġew osservati. Meta sezzjoni ta' l-abbozz tar-Regolament ma' għandha ebda kontraparti fl-Annessi ma' din id-Direttiva, in-numru jingħata fil-parenteżi għar-rekord.

*ANNESS I*

**KAMP TA' APPLIKAZZJONI, APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE, APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE, SPEĊIFIKAZZJONIJIET**

1. KAMO TA' APPLIKAZZJONI

Din id-Direttiva tapplika għal vetturi bil-mutur fir-rigward ta' l-identifikazzjoni tal-kontrolli manwali, tat-*tell-tales* u ta' l-indikaturi.

2. DEFINIZZJONIJIET

(2.1.)

2.2. **It-tip ta' vettura**

"It-tip ta' vettura" tfisser vetturi bil-mutur li ma jvarjawx fir-rigward ta' l-arranġamenti interni li jistgħu jaffettwaw l-identifikazzjoni tas-simboli għall-kontrolli, għat-*tell-tales* u għall-indikaturi.

2.3. **Il-kontroll**

"Il-kontroll" ifisser dik il-parti ta' mezz li tippermetti lis-sewwieq iġib bidla fl-istat jew fil-funzjonament ta' vettura.

2.4. **Is-swiċċ mixgħul/mitfi**

"Is-swiċċ mixgħul/mitfi" ifisser mezz li permezz tiegħu il-forniment għal ċirkwit elettriku jista' jiġi mqabbad jew maqtugħ.

2.5. **Is-swiċċ ta' l-għażla**

"Is-swiċċ ta' l-għażla" tfisser mezz li permezz tiegħu il-forniment ta' kurrent elettriku jista' jiġi trasferit minn wieħed minn żewġ ċirkwiti għall-ieħor mingħajr kwalunkwe possibiltà ta' nuqqas ta' konnessjoni bejn iż-żewġ pożizzjonijiet.

2.6. **Is-swiċċ ta' l-għażla mixgħul/mitfi kkumbinat**

"Is-swiċċ ta' l-għażla mixgħul/mitfi kkumbinat" ifisser mezz multi-funzjonali li meta l-ewwel jibda jitħaddem jew jitqiegħed f'pożizzjoni jopera bħala swiċċ mixgħul/mitfi u fuq kull waħda mill-okkażjonijiet sussegwenti meta jitħaddem jew jitqiegħed f'pożizzjoni jopera bħala swiċċ ta' l-għażla.

2.7. **Indikatur**

"Indikatur" ifisser mezz li jippreżenta informazzjoni dwar il-funzjonament jew is-sitwazzjoni ta' sistema jew parti minn sistema, per eżempju l-livell ta' fluwidu.

2.8. **Tell-tale**

"*Tell-tale*" ifisser sinjal ottiku li jindika t-tħaddim ta' mezz, il-funzjonament jew il-kondizzjoni korretta jew difettuża, jew in-nuqqas li jiffunzjona.

2.9. **Is-simbolu**

"Is-simbolu" jfisser diagramma li tidentifika kontroll, *tell-tale* jew indikatur.

2.10. **Is-swiċċ ewlieni li jixgħel**

"Is-swiċċ ewlieni li jixgħel" ifisser swiċċ li jqabbad jew jaqta' l-forniment tal-kurrent għaċ-ċirkwiti elettriċi tal-*headlamps* b'raġġ ewlieni/*dipped* u tal-fanal tal-imezzi msemmija f' 3.11 ta' l-Anness I mad-Direttiva tal-Kunsill 76/756/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-istallazzjoni ta' mezzi ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl fuq vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom [1].

[1] ĠU N L 262, 27. 9. 1976, P. 1.

2.11. **L-indikatur ta' l-ikkarikar tal-batterija**

"L-indikatur ta' l-ikkarikar tal-batterija" tfisser mezz li juri jekk il-batterija qiegħda tiġi kkarikata jew le.

2.12. **It-tell-tale ta' l-ikkarikar tal-batterija**

"Il-makatur ta' l-ikkarikar tal-batterija" jfisser sinjal li meta mixgħul jindika li l-batterija mhijiex qiegħda tiġi kkarikata.

2.13. **L-indikatur tal-livell tal-karburant**

"L-indikatur tal-livell tal-karburant" ifisser mezz li jagħti nformazzjoni dwar l-ammont ta' karburant fit-tank,

2.14. **It-tell-tale tal-livell tal-karburant**

"It-*tell-tale* tal-livell tal-karburant" ifisser sinjal li meta mixgħul jindika li l-livell tal-karburant huwa viċin għaż-żero jew li l-vettura qiegħda timxi fuq ir-riżerva tal-karburant.

2.15. **L-indikatur tat-temperatura tal-likwidu li jkessaħ il-magna**

"L-indikatur tat-temperatura tal-likwidu li jkessaħ il-magna" jfisser mezz li jagħti nformazzjoni dwar it-temperatura tal-likwidu li jkessaħ.

2.16. **It-tell-tale tat-temperatura tal-likwidu li jkessaħ il-magna**

"It-*tell-tale* tat-temperatura tal-likwidu li jkessaħ il-magna" ifisser sinjal li meta mixgħul jindika li t-temperatura tal-likwidu li jkessaħ il-magna hija 'l fuq mit-temperatura normali tal-magna waqt li tkun qiegħda topera stipulata mill-manifattur.

2.17. **L-indikatur tal-pressjoni taż-żejt**

"L-indikatur tal-pressjoni taż-żejt" ifisser mezz li jagħti nformazzjoni dwar il-pressjoni taż-żejt fiċ-ċirkwit tal-lubrikazzjoni tal-magna.

2.18. **It-tell-tale tal-pressjoni taż-żejt**

"It-*tell-tale* tal-pressjoni taż-żejt" ifisser sinjal li meta mixgħul jindika li l-pressjoni taż-żejt fiċ-ċirkwit tal-lubrikazzjoni tal-magna huwa taħt il-limitu normali ta' l-operazzjoni stipulat mill-manifattur

2.19. **It-tell-tale taċ-ċinturin tas-sigurtà**

"It-*tell-tale* taċ-ċinturin tas-sigurtà" ifisser sinjal li meta mixgħul jindika li l-bokkla taċ-ċinturin ta' mill-inqas wieħed mis-sedili okkupati mhuwiex imsakkar.

2.20. **It-tell-tale taċ-ċirkwit magħluq tal-brejk ta' l-ipparkjar**

"It-*tell-tale* taċ-ċirkwit magħluq tal-brejk ta' l-ipparkjar" ifisser sinjal li meta mixgħul jindika li l-kontroll tal-brejk ta' l-ipparkjar ma ġiex imħolli.

3. L-APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE

3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip ta' tip ta' vettura fir-rigward ta' l-identifikazzjoni tal-kontrolli, tat-*tell-tales* u ta' l-indikaturi għandha tiġi sottomessa mill-manifattur tal-vettura jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

3.2. Għandu jkollha magħha dan li ġej:

3.2.1. Disinni (tlett kopji), fuq skala approprjata u f'dettall suffiċjenti, tal-partijiet tal-vettura li għalihom il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva japplikaw u tas-simboli msemmija fis-sezzjoni 5.

3.3. Vettura rappreżentattiva tat-tip li għandu jiġi approvat jew dik il-parti jew partijiet tal-vettura li huma kkunsidrati neċessarja għat-twettiq tal-kontrolli u t-testijiet stipulati b'din id-Direttiva għandhom jiġu sottomessi lis-servizz tekniku responsabbli mit-twettieq tat-testijiet ta' l-approvazzjoni tat-tip.

4. L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE

(4.1.)

(4.2.)

4.3. Ċertifikat li jikkonforma mal-mudell muri fl-Anness V għandu jiġi anness maċ-ċertifikat ta3 approvazzjoni tat-tip tal-KEE.

(4.4.)

(4.5.)

(4.6.)

(4.7.)

(4.8.)

5. SPEĊIFIKAZZJONIJIET

5.1. **Speċifikazzjonijiet ġenerali**

5.1.1. Il-kontrolli, it-*tell-tales* u l-indikaturi elenkati fl-Anness II għandhom jiġu identifikati mis-simboli. Is-simboli għandhom ikunu f'konformità ma' dawk indikati fl-Anness imsemmi.

5.1.2. Jekk is-simboli huma wżati għall-identifikazzjoni tal-kontrolli u tat-*tell-tales*elenkati fl-Anness III, dawn is-simboli għandhom ikunu konformi ma' dawk indikati fl-Anness imsemmi.

5.1.3. Simboli minbarra dawk li jidhru fl-Annessi II u III jistgħu jintużaw għal skopijiet oħra, basta li ma hemm ebda perikolu ta' konfużjoni ma' dawk murija fl-Annessi msemmija.

5.1.4. "Konformità" jfisser li jkun hemm karatteristiċi dimensjonali proporzjonali.

5.2. **Il-karatteristiċi tas-simboli**

5.2.1. Is-simboli stipulati f' 5.1.1 għandhom ikunu identifikabbli, mis-sedil tiegħu, minn sewwieq b'vista normali.

5.2.2. Is-simboli stipulati f' 5.1.1 u 5.1.2 għandhom ikunu fuq jew viċin għall-kontrolli, għat-*tell-tales* u għall-indikaturi.

5.2.3. Is-simboli għandhom jidhru b'mod ċar kontra sfond, li jkun jew ċar fuq sfond skur jew skur fuq sfond ċar.

5.2.4. Il-kuluri wżati għal tell-tales għandhom ikunu dawk stipulati fl-Anness II. II.

(6.)

(7.)

(8.)

(9.)

*ANNESS II*

**IL-KONTROLLI, IT-TELL-TALES U L-INDIKATURI LI GĦALIHOM, META ARMATI L-IDENTIFIKAZZJONI HIJA OBBLIGATORJA U S-SIMBOLI LI GĦANDHOM JINTUŻAW GĦAL DAK L-ISKOP**

**Noti**

(a) L-interjuri tas-simbolu jista' jkun kollu ta' kulur skur.

(b) Jekk it-*tell-tales* għall-indikaturi tad-direzzjoni tax-xellug u tal-lemin huma separati, iż-żewġ vleġeġ tas-simbolu jistgħu ukoll jintużaw separatament.

(ċ) Il-parti skura ta' dan is-simbolu tista' tiġi sostitwita mil-linja ta' barra tagħha, f'liema każ il-biċċa li tidher hawn bħala bajda għandha tkun kollha f'kulur skur.


(d) Jekk il-kontroll mhuwiex separat, jista' jiġi identifikat minn simbolu wieħed jew iktar li jindikaw il-funzjonijiet differenti tiegħu.

(e) Jekk l-indikatur u t-*tell-tale* huma kkumbinati, simbolu wieħed jista' jiġi wżat għat-tnejn.

*Figura 1*

**Is-Swicc principaliu u t-*tell-tale* tac-cirkwit magħluq** [1] **jew is-swicc mixgħul/mitfi kkumbinat biex jixeghel**

Simbolu standard




*Il-Kulur tad-dawl tat-tell-tale:* ahdar

[1] Dan it-*tell-tale* ma jistgħax iservi ta' *tell-tale* tal-fanali ta' posizzjoni (tal-ġen

*Figura 2*

**Kontroll tal-*headlamps* b'raġġ ewlieni, jekk separat (d), u t-*tell-tale* ta' cirkwit maghluq**





*Figura 3*

**Kontroll tal-*headlamps* b'raġġ *dipped*, jekk separat (d), u t-*tell-tale* ta' cirkwit maghluq**





*Figura 4*

**Il-kontroll tal-fanal taċ-ċpar ta' quddiem u t-*tell-tale* taċ-ċirkwit magħluq**

Is-Simbolu standard





*Il-Kulur tad-dawl tat-tell-tale:* ahdar

*Figura 5*

**Il-Kontroll separat tal-fanal tar-rivers (meta armat) u t-*tell-tale* taċ-ċirkwit magħluq**

Simbolu standard





*Kulur tad-dawl tat-tell-tale:* ahdar

*Figura 6*

**Il-kontroll tal-fanal ta' l-indikatur tad-direzzjoni u t-*tell-tale* operazzjonali (b)**

Simbolu standard





*Il-Kulur tad-dawl tat-tell-tale:* aħdar

*Figura 7*

**Il-kontroll li javża perikolu u t-*tell-tale* taċ-ċirkwit magħluq**

Is-Simbolu standard




*Il-Kulur tad-dawl tat-tell-tale:* aħmar

*Figura 8*


**_Tell-tale_ tal-fanal ta' waqfien**

Jekk armat, il-funzjoni tieghu ghandha titwettaq mit-*tell-tale* ta' operazzjoni difettuża tas-sistema ta' l-ibbrejkjar, li tidher fil-figura 28.

*Figura 9*

**Fanali ta' pożizzjoni (tal-genb), jekk separati (d), u t-*tell-tale* ta' cirkwit maghluq tal-fanali ta' pożizzjoni (tal-genb)**

Simbolu standard





*Kulur ta' dawl tat-tell-tale:* ahdar

*Figura 10*

**_Tell-tale_ tal-kontroll tal-fanal tac-cpar ta' wara u tac-cirkwit maghluq**

Simbolu standard





*Kulur tad-dawl tat-tell-taletale:* ambra

*Figura 11*

**Il-Kontroll tal-fanal ta' l-ipparkjar, jekk separat (d), u t-_tell-tale_ tac-cirkwit maghluq**

Simbolu standard




*Kulur ta' dawl tat-tell-tale:* aħdar

*Figura 12*

**Kontroll tal-*windscreen-wiper***

Simbolu standard





*Figura 13*

**Kontroll tal-*windscreen-washer***

Simbolu standard




*Figura 14*

**Kontroll ikkumbinat tal-*windscreen-wiper* u tal-*windscreen-washer***

Simbolu standard






*Figura 15*

**kontroll tal ftuħ tal-*bonnet* ta (1) quddiem**

Simbolu standard




(1) Jekk il-manifattur tal-vettura jixtieq hekk, is-sezzjoni 5.1.1. ta' l-Anness I m'ghandiex tapplika meta dan il-kontroll muwiex fil-qasam ta' veiżjoni tas-sewwieq mill-pożizzjoni normali tas-sewqan

*Figura 16*

**Kontroll tal-fann (arja sħuna/arja kiesħa)**

Simbolu standard






*Figura 17*

**Kontroll tal-mezz li jneħħi s-silġ u ċ-ċpar mill-*windscreen*, jekk separat u t-*tell-tale***

Simbolu standard





*Kulur tad-dawl tat-tell-tale:* ambra

*Figura 18*

**Kontroll tal-mezz li jnehhi s-silg u c-cpar mit-tieqa ta' wara, jekk separat, u t-*tell-tale***

Is-simbolu standard





*Kulur tad-dawl tell-tale:* ambra

*Figura 19*

**Kontroll tal-mezz li jqabbad il-magna fuq il-kiesaħ**

Is-simbolu standard




*Kulur tad-dawl tat-tell-tale:* ambra

*Figura 20*

**Kontroll ta' l-aċċelleratur bl-idejn**

Simbolu standard






*Figura 21*

**Indikatur tal-livell tal-karburant u *tell-tale***

Simbolu standard





*Kulur tad-dawl tat-tell-tale:* ambra

*Figura 22*

**Indikatur ta' l-ikkarikar tal-batterija u *tell-tale***

Simbolu standard




*Kulur tad-dawl tat-tell-tale:* aħmar

*Figura 23*

**Il-kontroll li jaqta' l-magna (*diesel*), jekk installat fuq id-*dashboard***

Simbolu standard





*Figura 24*

**Indikatur tat-temperatura tal-likwidu li jkessah il-magna u *tell-tale***

Simbolu standard





*Kulur tad-dawl tat-tell-tale:* aħmar

*Figura 25*

**Indikatur tal-pressjoni taż-żejt u *tell-tale***

Simbolu standard





*Kulur tad-dawl tat-tell-tale:* aħmar

*Figura 26*

**_Tell-tale_ taċ-ċinturin ta' sigurta'**

Simbolu standard




*Kulur tad-dawl tat-tell-tale:* ahmar

*Figura 27*

**Kontroll bl-idejn tal-mezz li jnaddaf il-_headlamps_**

Simbolu standard





*Figura 28*

***Tell-tale* ta' l-operazzjoni difettuża tas-sistema ta' l-ibbrejkjar**

Simbolu standard





*Kulur tad-dawl tat-tell-tale:* aħmar

*Figura 29*

***Tell-tale* ta' cirkwit maghluq tal-brejk ta' l-ipparkjar**

Simbolu standard




*Kulur tad-dawl tat-tell-tale:* aħmar

*ANNESS III*

**IL-KONTROLLI, IT-*TELL-TALES* U L-INDIKATURI LI GĦALIHOM, META ARMATI, L-IDENTIFIKAZZJONI HIJA FAKULTATTIVA, U S-SMBOLI LI GĦANDHOM JINTUŻAW JEKK GĦANDHOM JIĠU IDENTIFIKATI**

**Nota**

Ara n-nota (ċ) fl-Anness II.

*Figura 1*

**Kontroll ta' rilaxx għall-egħluq tal-kompartiment ta' wara**

Simbolu standard





*Figura 2*

**Kontroll tal-mezz tal-ħoss ta'**

Simbolu standard



*ANNESS IV*

**IL-KOSTRUZZJONI TAL-MUDELL BAŻIKU GHAS-SIMBOLI LI JIDHRU FL-ANNESSI II U III**





*Figura 1*

**Il-mudell bażiku**

Il-mudell bażiku jinkludi:

1. kaxxa bażika ta' naħa 50mm; din id-dimensjoni hija ugwali għad-dimensjoni nominali, 'a' tal-mudell bażiku;
2. ċirku bażiku ta' djametru ta' 56mm, li jkollu bejn wieħed u ieħor l-istess area bħall-kaxxa bażika (1);
3. ċirku ieħor ta' djametru ta' 50mm, li jkun iċ-ċirku iskritt tal-kaxxa bażika (1);
4. kaxxa oħra li l-kantunieri tagħha jmissu ċ-ċirku bażiku (2) u li l-ġnub tagħha huma paralleli għal dawk tal-kaxxa bażika (1);

5 u 6. żewġ rettangoli li jkollhom l-istess area tal-kaxxa bażika (1); huma reċiprokament perpendikolari, kull wieħed impinġi biex jaqsam in-naħat opposti tal-kaxxa bażika simmetrikament;

7. kaxxa oħra li n-naħat tagħha jgħaddu mill-punti ta' l-intersezzjoni tal-kaxxa bażika (1) u ċ-ċirku bażiku (2), u li qegħdin f'angolu ta' 45° u li jagħtu l-akbar dimensjonijiet orizzontali u vertikali tal-mudell bażiku;
8. ottagonu irregolari, iffurmat b'linji f'angolu ta' 30° man-naħat tal-kaxxa (7)

Il-mudell bażiku hu superimpost fuq grilja ta' naħat 12.5mm li tikkoinċidi mal-kaxxa bażika (1)

*ANNESS V*

MUDELL

(Il-format massimu: A4 (210 x 297 mm))

L-isem ta' l-amministrazzjoni

**ANNESS GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE TA' VETTURA FIR-RIGWARD TA' L-IDENTIFIKAZZJONI TAL-KONTROLLI, TAT-*TELL-TALES* U TA' L-INDIKATURI**

(L-Artikoli 4 (2) u 10 tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom)

In-Nru ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE .....

1. L-isem kummerċjali jew it-*trade mark* tal-vettura .....
   .....
2. It-tip ta' vettura .....
3. L-isem u l-indirizz tal-manifattur .....
   .....
   .....
4. Meta applikabbli, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur .....
   .....
   .....
5. Deskrizzjoni fil-qosor tat-tip ta' vettura fir-rigward ta' l-identifikazzjoni tal-kontrolli, it-*tell-tales* u l-indikatur .....
   .....
   .....
6. Il-vettura sottomessa għall-approvazzjoni tat-tip fil- .....
7. Is-servizz tekniku li jwettaq it-testijiet ta' l-approvazzjoni tat-tip .....
   .....
8. Id-data tar-rapport maħruġ min dak is-servizz .....
9. In-numru tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz .....
10. L-approvazzjoni tat-tip fir-rigward ta' l-identifikazzjoni tal-kontrolli, it-*tell-tales* u l-indikaturi hi mogħtija/miċħuda (*)
11. Post .....
12. Data .....
13. Firma .....
14. Id-dokumenti li ġejjin, li għandhom in-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip li jidher fuq, huma annessi ma' dan iċ-ċertifikat:

    ..... disinni tal-kontrolli, *tell-tales* u indikaturi u tal-partijiet tal-vettura kkunsidrati ta' mportanza għal-iskopijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 78/316/KEE tal-21 ta' Diċembru 1977 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-muntaġġi nterni ta' vetturi bil-mutur (identifikazzjoni tal-kontrolli, *tell-tales* u indikaturi).
15. Rimarki .....

(*) Ħassar fejn ma japplikax